## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru, 2004 fis-2.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier (2.30pm - 3.15pm) |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| (1) | Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti. |
| (2) | Kommunikazzjoni mis-Sindku. |
| (3) | Mistoqsijiet. |
| (4) | Riżoluzzjonijiet. |
| (5) | Offerta Ġbir ta' Skart. |
| (6) | Polza ta' Sigurta' tal-Kunsill. |
| (7) | Deputat Segretarju Eżekuttiv. |
| (8) | Egħluq Summer Club. |
| (9) | Approvazzjoni Newsletter. |
| (10) | Approvazzjoni Pagamenti. |

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-Sindku Joseph Casha nforma lill-Kunsill li minħabba mpenji ta' urġenza li s-Sindku u l-Viċi Sindku kellhom dak inhar stess il-Ġimgħa 3 ta' Settembru, 2004 fil-5.00pm, il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-2.30pm flok fil-5.00pm skond kif kien avżat qabel.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu fil-laqgħa ta' Urban Community Council imtella' mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsillieri kollha kienu avżati minn qabel b'dan it-tibdil fil-ħin tal-bidu tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 40 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

*40 (1).1* Billi l-Minuti kienu mqassma minn qabel il-laqgħa dawn il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

*40 (1) .2* *Korrezzjonijiet - Tressqu dawn il-korrezzjonijiet fil-Minuti*

Paġna 2 minuta 39 (1) 2

Tinqata' l-kelma "astensjoni" u jidħol dan li ġej "Il-Kunsillier C. Gerada ivvotat kontra għax il-minuti nqraw waqt il-laqgħa u billi l-laqgħa kienet ilha li għaddiet tlett ġimgħat ma' kinietx ċerta li l-minuti huma korretti kif preżentati".

Paġna 10 tkomplija tal-laqgħa tal-Kunsill taħt il-lista tal-Membri preżenti jitniżżel dan li ġej "C. Gerada - Kunsillier, Skużata".

40 (1).3 Fuq proposta tal-Viċl Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop l-Kunsill approva dawn il-Minuti hekk kif korretti bi tlett (3) voti favur u wieħed (1) kontra.

40 (1).4 Il-Kunsillier C. Gerada vvutat kontra għax hija ma' kinietx preżenti fit-tieni parti tal-laqgħa tal-Kunsill.

40 (1).5 *Arising Matters*

*Car Free Day*

Il-Kunsill ġie nnfurmat li f'din il-ġurnata it-22 ta' Settembru, 2004, Triq il-Vitorja ser tkun magħluqa għat-traffiku minn Triq San Pietru u San Pawl sa Triq San Ġiljan.

*Stedina minn Hamm - Ġermanja*

Minkejja li reġa kien hemm talba biex delegazzjoni minn Malta tmur Hamm il-Ġermanja fit-12, 13 u 14 ta' Settembru, 2004. Is-Sindku Joseph Casha nfurmahom li din l-istedina ma' setgħatx tiġi milqugħa minħabba nuqqas ta' finanzi tal-Kunsill.

*Website / Assi tal-Kunsill / Flus Pendenti WSC*

Is-Sindku qal li qiegħed jgħaddu ħafna xhur u ġranet u għadu ma' ġiex deċiż kif se jaħdem is-Segretarju dwar dawn it-tlett issues biex ikunu lesti.

Is-Segretarju wiegħed li dalwaqt ilesti programm.

*Regatta Nazzjonali u / 18*

Biex joħroġ iċ-cheque ta' Lm 50 kif kien ġie mwiegħed qabel.

## 40 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif tal-ħidma u l-impenji li seħħew mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*40.(2).1 Terrace Houses ( 13 / 08 / 04)*

Is-Sindku kellhu kuntatt mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Bini u Tiswija tad-Djar, il-Perit Anton Camilleri biex sal-ġranet tal-Festa tal-lokal dan is-sit jitnaddaf mill-ġebel li kien ħalla l-kuntrattur.

*40.(2).2 Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi ( 20 / 08 / 04)*

Saret laqgħa mal-Membri tal-FES u l-volontiera biex jitħejja l-programm ta' l-egħluq li kien ippjanat li jsir nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru, 2004 (Noti tal-laqgħa mehmuża).

*40.(2).3 Kumitat Konġunt Kottonera*

Saret laqgħa fil-Kalkara u ġew diskussi l-aħħar żviluppi dwar il-mappa turistika tal-Cottonera. Dan il-Kumitat kellu jerġa jiltaqa' biex joħroġ press release dwar il,-qagħda mwergħa li jinsab fiha x-Xatt ta' l-Isla (fejn huwa sfrundat)

*40.(2).4 Laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki ( 25 / 08 / 04)*

(i) Il-Kumitat Konġunt tal-Kottonera laqqa' lis-Sindki u l-Viċi Sindki fil-Birgu fejn ġew diskussi proposti mressqa mill-MTA.

(ii) Inqrat ukoll il-Press Release mis-Sindku ta' l-Isla Joseph Casha dwar il-Moll tax-Xatt ta' l-Isla. Din il-press release kellha tkun ppreżentata l-għada 26 ta' Awissu, 2004 fil-11.00am.

*40.(2).5 Sala San Mikiel ( 26/08/04 )*

Saret laqgħa maċ-Chairman u Personnel Manager tal-Malta Drydocks dwar is-sit magħruf bħala St. Michael's Press minħabba d-diversi talbiet mill-Kunsill f'dawn l-aħħar erba' snin. Ġie deċiż li din is-Sala tgħaddi f'idejn il-Gvern sabiex wara tkun tista' tingħata b'devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali Isla.

*40.(2).6 Daħla ta' l-Isla ( 27 / 08 / 04)*

(i) Ġie nawgurat uffiċjalment ix-xogħol kbir ta' restawr li twettaq mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera fil-Mini u s-swar fid-daħla ta' l-Isla.

(ii) Preżenti kien hemm il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-Ministru għar-Riżorsi u Nfrastruttura flimkien ma' mistiedna oħra fosthom ċittadini Sengleani.

(iii) Saret diskussjoni u s-Sindku Joseph Casha għamel diskors ta' l-okkażjoni.

(iv) Il-Prim Ministru wiegħed li l-moll fix-Xatt ta' l-Isla ser isir.

*40.(2).7 Sindki / Viċi Sindki Kumitat Konġunt Kottonera ( 30/08/04 )*

(i) Din il-laqgħa saret fis-Sala tal-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Birgu u ġiet indirizzata minn Nadia Theuma, Delta Project.

(ii) Ġie propost li titwaqqaf "Small Agency Business" bil-għan li jinstabu nies li jkunu lesti li jagħmlu riċerka dwar kull lokalita fuq snajja', crafts u nies li jixtiequ jkabbru l-business tagħhom.

(iii) Saret stedina biex is-Sindki tal-Kottonera jżuru Siracusa bejn id-29 ta' Settembru, 2004 sat-3 ta' Ottubru, 2004.

*40.(2).8 Egħluq Is-Summer Club ( 01/09/04 )*

(i) Dan sar fi Ġnien il-Gardjola fejn kienu mistiedna t-tfal li attendew għal dan il-proġett kif ukoll il-ġenituri tagħhom, membri tal-FES u Sengleani mil-lokal.

Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Louis Galea kien preżenti għal din l-attivita' u flimkien mas-Sindku Joseph Casha għamlu diskors ta' l-okkażjoni u ppreżentaw rigal lit-tfal li ħadu sehem f'dan il-proġett favur l-Edukazzjoni.

(ii) Tqassmu wkoll ċertifikati lit-tfal.

*40.(2).9 Imġieba versu s-Sindku*

Is-Sindku irrimarka dwar imġieba versu lejh.

(i) Huwa qal li dan l-aħħar reġa kien hemm nuqqas ta' qbil bejnu u bejn is-Segretarju Eżekuttiv dwar proċeduri u korrispondenza.

(ii) Huwa nnota li matul il-ġurnata l-attitudni lejh fl-uffiċini nbidlet kompletament.

(iii) Huwa aċċetta li qed jippretendi ħafna xogħol.

(iv) Huwa qiegħed ħafna attent dwar dak li qed jiġri kemm fl-uffiċċju u anke barra.

(v) Huwa nnota li kultant isiru anke xi rimarki u diskorsi minn taħt l-ilsien.

*40.(2).10 Proċeduri fl-Uffiċċju tal-Kunsill*

Is-Sindku Joseph Casha ppropona biex jibdew jiġu mplimentati dawn il-proċeduri : -

(i) Ittri li jinħarġu mis-Segretarjat tal-Kunsill iridu jknunu ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

(ii) Biex ħadd ma' jinsa xi jkun intqal dak kollu li jingħad bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhu jsir bil-miktub u jkun iffirmat.

(iii) Kull laqgħa li għandha x'taqsam mal-Kunsill trid issir fil-preżenza tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. F'każ li jkunu ndisposti fil-preżenza tal-Viċi Sindku u skrivana tal-Kunsill.

*40.(2).11 Ħaddiema Assenjati mal-Kunsill*

Is-Sindku Joseph Casha ppropona din il-proċedura biex ikun hemm użu aħjar ta' dawn il-ħaddiema.

(i) Sagħtejn qabel l-egħluq ta' l-uffiċini Amministrattivi ssir laqgħa bejn is-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi magħruf x'xogħol sar f'dik il-ġurnata u x'hemm li jrid isir għall-għada minn dawn il-ħaddiema.

(ii) Ma' għandhu jsir xejn jekk ma' jkunx hemm qbil fuqu minn qabel.

*40 (2).12 Finanzi*

Is-Sindku Joseph Casha ppropona biex jibdew isiru dawn il-miżuri fejn jidħlu finanzi tal-Kunsill.

(i) Trasport isir biss fuq xogħol tal-Kunsill u awtorizzat mis-Sindku anke permess ta' xogħol.

(ii) Li minħabba kontijiet għoljien tat-telephone ikun hemm aktar kontroll speċjalment fejn jidħlu telephones ċellulari.

(iii) Li fl-ebda ċirkostanza ma' jsir xiri ta' materjal jew oġġetti oħra jekk ma' jkunx awtorizzat permezz ta' purchase order mis-Sindku nnifsu.

(iv) Li minħabba li baqa' ħafna xogħol xi jsir tiġi mgħoddija lis-Sindku kull invoice li tidħol kif ukoll il-kontijiet kollha pendenti.

(v) Li l-laqgħat ta' kull xahar dwar il-finanzi jibdew isiru mingħajr ma' jkun hemm il-ħtieġa li jitlobhom is-Sindku.

(vi) Jekk jibqa' ma' jsirx progress fl-infieq tal-Kunsill, il-Kunsill ma' jkollux triq oħra ħlief li jwaqqaf ċertu servizzi li qed jagħti wara li jkunu tressqu riżoluzzjonijiet rispettivi.

*40.(2).13 Attitudni lejn is-Sindku*

(i) Is-Sindku stqarr li forsi xi wħud minn sħabu qed ikunu iebsa miegħu għax huwa kwiet ħafna u jaċċetta kollox jew għax iċedi lil xi ħadd. Is-Sindku qal li huwa qatt ma' ċeda għal xejn u ma' jistgħax jaċċetta li jsir diskors bħal dan minn sħabu l-Kunsilliera barra l-bini tal-Kunsill.

(ii) Huwa stqarr li meta jsir dan ħadd ma' jkun jaf bil-ħsibijiet tiegħu u li f'moħħu (is-Sindku) dejjem ikollu quddiemu x'inhu l-aħjar triq biex tinżamm il-kalma għall-ġid tal-lokal.

*40.(2).14 Ħaddiema Assenjati lill-Kunsill Lokali Isla*

(i) Billi dan it-tlett ħaddiema tal-Gvern li ilhom assenjati lill-Kunsill kważi għal dawn l-aħħar 8 snin, ġew mitluba lura fid-Dipartiment ħabta u sabta mingħajr raġuni is-Sindku Joseph Casha qara statement dwar dan kif ukoll l-ittri konnessi li għaddew bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Nfrastruttura (Kopja ta' l-istatement u ta' l-ittri huma mehmuża ma' dawn il-minuti). Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma' ċaħdietx li ċemplet lis-Sindku dak il-ħin li kienet sejra għax-xogħol u x'kienu qegħdin jagħmlu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

(ii) Il-Kunsill ser jinforma lid-Dipartiment li jekk sal-5.00pm ta' nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru, 2004 mhux ser jirċievi ebda tweġiba pożittiva dwar it-tneħħija ta' dawn il-ħaddiema s-Sindku Joseph Casha ser joħroġ l-informazzjoni kollha ta' dan li ġara.

(ii) Mehmuż kopja ta' l-istatement li għamel is-Sindku dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

*Nota : Il-Kunsillier Mario Mizzi rtira mil-laqgħa fit-3.15pm.*

*40.(2).15* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-9 u s-27 ta' Awissu 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1714/04/I* *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali*

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali talbet tagħrif dwar il-Kunsilliera kollha, din ser tingħata bil-kunsens tal-Kunsilliera stess.

*04/1723/04/I* *P. Mark Ltd - Stickers, Skart (Tel : - 21806199)*

Din il-kumpanija qed toffri stickers "biex ma' jintefax skart barra) bil-35ċ. Il-Kunsill qabel li jinxtraw minn dawn.

*04/1729/04/I* *Performing Rights Society*

Il-Kunsill qabel li jħallas il-liċenzja ta' Lm 7.00 lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-Performing Rights.

*04/1736/04/I* *Website tal-Kunsill*

Il-Kunsill qed jikkunsidra jagħmel il-website waħdu flimkien mal-Mitts Ltd.

*04/1750/04/I* *Studju u Restawr*

Ivan Merciecca offra li jagħmel xogħol b'xejn ta' restawr u manutenzjoni fil-lokal.

*04/1760/04/I* *Lava - Triq il-Kurċifiss u Triq il-Vittmi tal-Gwerra*

Il-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera ressaq it-talba tal-Kunsill biex dan ix-xogħol isir għas-spejjeż tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (madwar Lm 8, 784.00) pero' mhux qabel Diċembru, 2004.

Minħabba li dan ix-xogħol irid isir qabel is-Sindku nforma lil Dr. Ray Bondin, Kap Eżekuttiv biex minflok iressaq għall-approvazzjoni l-Proġett tal-Play Area fi Pjazza Andrea Debono.

*04/1771/04/I* *Maratona - Eden Foundation*

Is-Sindku Joseph Casha ser jattendi għal din il-maratona.

*04/1805/04/I* *Talba għall-użu tas-Sala tal-Kunsill*

Għalkemm il-Kunsill qed japprova t-talba tal-familja Camilleri Mallia, xtaq aktar tagħrif dwar din it-talba.

*04/1809/04/I* *Talba għal Mobile Kiosk u Żewġ imwejjed barra*

Il-Kunsill approva t-talba tal-Barman tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista għall-użu ta' mobile kiosk quddiem il-każin iżda ma' aċċettax li jsir użu mill-imwejjed fil-ġranet tal-festa Maria Bambina.

*04/1825/04/I* *Stednia għall-preżentazzjoni tal-Master Plan tal-Birgu*

Is-Sindku Joseph Casha nforma lill-Ministru Ninu Zammit li ma' setgħax jattendi għal din il-preżentazzjoni minħabba l-impenji li għandhu fil-ġranet tal-festa tal-lokal.

*04/1836/04/I* *Logo tal-Kunsill*

Saret talba mill-Head of Client Services għal-Logo tal-Kunsill.

*04/1853/04/I* *Invit mill-PN, Isla*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa nforma lill-Kumitat Sezzjonali tal-PN fl-Ilsa li mhux ser jatteni għar-riċeviment nhar l-4 ta' Settembru, 2004 bħala protesta (kopja mehmuża).

*04/1855/04/I* *Petizzjoni mill-Kunsill Lokali Marsaskala*

Il-Kunsill qabel li jappoġġa l-petizzjoni mressqa mill-Kunsill Lokali Marsaskala kontra li jsiru Fish Farms fil-baħar viċin Marsaskala.

*04/1860/04/I* *Premju Ħaddiem tas-Sena 2004*

Il-Kunsill ġie mistieden biex jinnomina persuna mil-lokal bħala Ħaddiem tas-Sena.

*04/1871/04/I* *Stedina għal Riċeviment mill-Queen's Own Band Club*

Is-Sindku skuża ruħu minħabba li naqas li jgħaddi dan l-invit lill-Kunsilliera C. Gerada.

*04/1880/04/I* *Malta Historic Cities Festival*

L-MTA bagħtet il-programm ta' Attivitajiet imħejjija għat-13 ta' Ottubru, 2004 u liema attivitajiet ser isiru fl-Isla.

*04/ /04/I* *Oġġezzjoni għat-tibdil tal-laqgħa tal-Kunsill*

Il-Kunsillie C. Gerada oġġezzjonat għat-tibdil fil-ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Numru 40 ta' nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru, 2004.

*04/ /04/I* *Talba għal imwejjed barra - MLP, Isla*

Il-Kunsill oġġezzjona u rrifjuta t-talba tas-Segretarju ta' l-MLP, Isla biex barra l-Każin jarma mwejjed fit-triq fil-ġranet tal-festa.

*40.(2).16* Waqt il-laqgħa tal-Kunsill il-Kunsillier C. Gerada fetħet ittra li kienet imħollija lilha fil-Pocket file tal-Korrispondenza tagħha.

Din l-ittra ġiet bl-idejn mis-Sur Nazzareno Pantalleresco li talab li titpoġġa fil-file tal-korrispondenza tagħha.

*40.(2).17* Sar qbil unanimu li għal li ġej is-Segretarju Eżekuttiv ma' jaċċettax ittri personali ndirizzati lill-Membri tal-Kunsill u li jaslu bl-idejn.

## 40 (3) Mistoqsijiet

Ma' kienx hemm mistoqsijiet ppreżentati.

*Nota : - Il-Kunsillier Reno Chircop irtira mil-laqgħa fl-3.45pm.*

## 40 (4) Riżoluzzjonijiet

(i) Ġiet ippreżentata Riżoluzzjoni 24/2004 kopja tagħha mehmuża li titlob biex il-Kunsill japprova l-ħlas ta' Lm 150 bħala s-sehem tiegħu fil-Proġett Sajfmana.

(ii) Il-Kunsillier C. Gerada staqsiet : -

(1) Kemm kien hemm tfal mill-Isla qed jieħdu sehem f'dan il-proġett ?
(2) Kif intagħżlu dawn it-tfal ?
(3) Għala intagħżlet il-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer ?

(iii) Tfal mill-Isla kien hemm 5, dawn intgħażlu mit-tfal li kienu qed jieħdu sehem fil-Family Literacy Programme li kien qed itella' dan il-Kunsill fl-Isla. Intagħlet il-Fondazzjoni Ġużè Ellul Mercer għaliex kienet hi li pproponiet dan il-proġett.

(iv) Fuq proposta tas-Sindku Joseph Casha ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva din ir-riżoluzzjoni b'żewġ (2) voti favur u wieħħed (1) kontra. Il-Kunsillieri Mario Mizzi u Reno Chircop ma' kienux preżenti f'dan il-ħin tal-laqgħa.

## 40 (5) Offerta Ġbir ta' Skart Domestiku

Jidher li l-Kunsill Lokali tal-Birgu irid jirtira hekk kif jagħlaq il-kuntratt preżenti li hemm bejn il-Kunsilli ta' l-Isla, Birgu u Kalkara.

(i) Dan il-Kunsill huwa tal-fehma li jekk il-Birgu jirtira minn dan il-kuntratt, flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Kalkara jġeddu dan il-kuntratt pero' jinbidlu l-kundizzjonijiet li hemm fih.

(ii) Jekk ma' jkunx hemm qbil allura l-Kunsill Lokali Isla jirtira huwa wkoll u joħroġ tender għalih.

*Nota : - Il-Kunsillier Reno Chircop reġa' lura għal-laqgħa fl-4.10pm.*

## 40 (6) Polza ta' Sigurta' tal-Kunsill

Il-polza tas-sigurta' preżenti tal-Kunsill tagħlaq fis-6 ta' Settembru, 2004.

(i) Il-Kunsill qabel li jitlob offerti oħra qabel jiddeċiedi jekk Iġġeddidx il-polza tas-sigurta' preżenti minħabba l-ispejjeż li għandu l-Kunsill.

## 40 (7) Nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill huwa tal-fehma li s-Sinjura Elizabeth Grech għandha tiġi mistoqsija jekk tridx taċċetta din il-kariga fuq bażi ta' ħlas.

(i) Minn dak li tgħid il-Liġi ma' huwiex ċar kif il-proċess għandu jsir biex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv u fuq liema bażi.

(ii) Għaldaqstant din in-nomina tħalliet għal aktar tard.

## 40 (8) Egħluq Summer Club

Dan il-proġett kien suċċess kbir u l-programm ta' l-egħluq intalaqa' tajjeb ħafna.

## 40 (9) Newsletter tal-Kunsill

Is-Sindku ppreżenta kopja tan-Newsletter Numru 3 li kellha titqassam liċ-ċittadini Sengleani hekk kif tiġi approvata mill-Kunsill.

(i) Il-Kunsillier C. Gerada qalet li ma' kellhiex ċans taqra x'hemm miktub f'dan in-newsletter.

(ii) Is-Sindku Joseph Casha issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar ippropona li din in-Newsletter tiġi approvata mill-Kunsill.

(iii) Din in-newsletter ġiet approvata biex titqassam liċ-ċittadini ta' l-Isla bi tlett (3) voti favur u astensjoni waħda (1), (C. Gerada) minħabba li din in-newsletter irċievita tard.

## 40 (10) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 9, 958.83.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fl-4.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv